

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 44

**ILJUN XIII, Papa (1878- 1903)**

**Ir-Rużarju huwa l-aktar forma eċċellenti ta' talb. Huwa r-rimedju għall-ħażen kollu, l-għerq ta' kull barka. Ir-Rużarju huwa l-aktar mod eċċellenti ta' talb.**



**Il-formola tar-Rużarju, wkoll, hija b'mod eċċellenti addattata għat-talb qalb il-poplu.**

**Hija x-xewqa tagħna li fil-knisja prinċipali ta' kull djoċesi ir-Rużarju jingħad ta' kuljum, u fil-parroċċi f'kull jum ta' festa.**

**Dik id-drawwa antika ta' missirijietna għandha tkun preservata jew irrestawrata li fiha l-familji nsara kienu jinġabru quddiem ix-xbiha tal-Madonna u b'mod alternat jirreċitaw ir-Rużarju.**

**Qegħdin bil-ħerqa neżortaw lill-insara kollha biex jingħataw għar-reċita tad-devozjoni qaddisa tar-Rużarju fil-pubbliku, jew fil-privat f'darhom u fil-familja, u dan bla ma jieqfu.**

**Il-bżonn tal-għajnuna divina illum huwa kbir daqs meta il-kbir San Duminku daħħal l-użu tar-Rużarju lil Marija bħala ingwent għall-ġrieħi tan-nies ta' żmienu.**

**Il-Papa Ljun XIII huwa l-aktar Papa li kiteb u ħeġġeġ dwar ir-Rużarju Mqaddes tul il-Pontifikat tiegħu. Kien hu li minn prattika devozjonali tal-poplu illitterat lir-Ruzarju għollih għal devozjoni eminenti tal-gradi kollha fi ħdan il-Knisja.**



**" ... l-ebda Gulija li ma jistax jiġi megħlub permezz tar-reċita umli tar-Rużarju."**

**Papa Piju XII – 1951**
**Fl-Enċiklika: Ingruentium Malorum**